**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Frar, 2016

Rikors numru : 465/2015 AL

AB

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir--rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata C D permezz ta' cerimonja religjuza fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elf disa` mija tmienja u disghin (1998) u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A.

Illi l-partijiet effetwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u disa (2009), kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok.

B u b'hekk ilhom ghal kwazi sitt (6) snin legalment separati minn xulxin.

Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ghandhom zewgt ulied li jisimhom E B, li llum ghandu 16-il sena u R B, li llum ghandha 11-il sena;

Illi r-rikorrenti dejjem hallas skrupolozament il-manteniment dovut lejn il-minuri u dan skont l-artikolu 7 tal-anness kuntratt ta' separazzjoni;

Illi llum-il gurnata m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab fid-dawl tal-fatti hawn esposti illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru, 2015;

Rat illi Dr Anna Mallia ghall-intimata dehret waqt is-seduta tal-Qorti tal-14 ta' Jannar 2016 u iddikjarat illi l-intimata mhijiex topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti u illi mhijex bi hsiebha tipprezenta risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta’ Novembru 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.